



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 21.5.2013
COM(2013) 301 final

2013/0156 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-ġestjoni finanzjarja, għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew li huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom u r-regoli tad-diżimpenn għal ċerti Stati Membri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. L-ISFOND TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

a) L-estensjoni taż-żieda tal-kofinanzjament għall-Istati Membri hija mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika fit-tul poġġiet ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali taħt pressjoni hekk kif l-Istati Membri qed iwettqu politiki meħtieġa ta' konsolidazzjoni fiskali. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni bla intoppi ta' programmi tal-politika ta' koeżjoni hija ta' importanza partikolari għall-investment fit-tkabbir u l-impjiegi.

L-implimentazzjoni tal-programmi spiss hija diffiċli, mhux l-anqas minħabba l-problemi ta' likwidità li jirriżultaw mill-konsolidazzjoni fiskali. Dan huwa b'mod partikolari l-każ ta' dawk l-Istati Membri li ġew l-aktar affettwati mill-kriżi, u li rċewew għajjnuna finanzjarja taħt programm ta' aġġustament. Sal-lum, seba' pajjiżi rċewew għajjnuna finanzjarja u qablu dwar programm ta' aġġustament makroekonomiku mal-Kummissjoni. Dawn il-pajjiżi huma Ċipru, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Latvja, il-Portugall, il-Greċja u l-Irlanda, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-pajjiżi tal-programm". L-Ungerija, ir-Rumanija u l-Latvja ma għadhomx taħt programm ta' aġġustament.

Sabiex jiġi żgurat li dawn l-Istati Membri (u kull Stat Membru ieħor li jista' jibbenefika minn programmi ta' għajjnuna bħal dawn fil-futur) ikomplu jimplimentaw il-programmi tal-politika ta' koeżjoni fil-prattika u jkomplu jqassmu fondi għal proġetti, il-proposta attwali fiha dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni tagħmel ħlasijiet ogħla lil dawn il-pajjiżi għall-perjodu li fih ikunu taħt il-mekkaniżmi ta' appoġġ, mingħajr ma' tibdel l-allokazzjoni ġenerali tagħhom taħt il-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2007-2013. Dan se jipprovdri aktar riżorsi finanzjarji lill-Istati Membri li jinsabu f'mument kritiku u se jħaffef it-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-programmi.

b) Segwitu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Frar 2013, il-paragrafu 87

Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tesplora soluzzjonijiet prattiċi biex jitnaqqas ir-riskju ta' diżimpenn awtomatiku tal-fondi mill-pakketti tal-2007-2013 għar-Rumanija u s-Slovakkja, inkluż permezz ta' emenda tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006¹ (minn hawn 'il quddiem 'ir-Regolament Ġenerali') (Konklużjonijiet tat-8 ta' Frar 2013, paragrafu 87). Id-dispożizzjonijiet tal-ftehim tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Frar dwar l-istabbiliment ta' livell massimu għall-allokazzjoni tal-2014-2020 għal 110% tal-allokazzjoni tal-2007-2013 f'termini reali se jaffettwaw kemm lis-Slovakkja kif ukoll lir-Rumanija (il-paragrafu 46 tal-konklużjonijiet). Dan se jkun rifless fil-paragrafu [13 tal-anness III bis tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) dwar il-qafas finanzjarju].

L-elementi ta' hawn fuq huma dipendenti fuq in-negożjati li jinsabu għaddejjin bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea u l-proċess leġiżlattiv u

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999

l-approvazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) u tar-regolamenti tas-CPR.

Wara li ġew esplorati soluzzjonijiet prattiċi għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżimpenn awtomatiku għar-Rumanija u s-Slovakkja, huwa ċar li r-riskju ma jistax jitnaqqas sostanzjalment mingħajr ma jiġi emendat ir-Regolament Ġenerali. Għalhekk, sabiex jiġi implimentat il-Ftehim rifless fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, u biex jiġi ffaċilitat l-assorbiment tal-fondi tal-2007-2013 għar-Rumanija u s-Slovakkja, huwa meħtieġ li tiġi estiża l-iskadenza tad-diżimpenn għal dawn iż-żewġ Stati Membri. Filwaqt li jitqies il-paragrafu 8 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, li jżomm bħala parti integrali mill-ftehim tal-QFP l-applikazzjoni stretta tar-regoli tad-diżimpenn fl-intestaturi kollha, b'mod partikolari r-regoli għad-diżimpenji awtomatiċi - l-estensjoni proposta tkopri l-impenji tal-2011 u l-2012. F'dan il-każ, id-diżimpenn awtomatiku tal-impenji tal-2011 mhux se jseħħ fi tmiem l-2013 iżda fi tmiem l-2014 u d-diżimpenn awtomatiku tal-2012 mhux se jseħħ fi tmiem l-2014 iżda fi tmiem l-2015.

Id-data tat-tmiem għall-eliġibbiltà tan-nefqa għall-perjodu ta' programmazzjoni tibqa' l-istess, jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2015. Dawn l-iskadenzi estiżi għandhom jgħinu lir-Rumanija u lis-Slovakkja biex jegħlbu kull diffikultà fl-implimentazzjoni u jnaqqsu r-riskju ta' diżimpenn fl-2013 u l-2014, filwaqt li jżommu d-dixxiplina u l-inċentiva meħtieġa sabiex jitwettaq il-perjodu ta' pprogrammar tal-2007-2013 f'waqtu. Dan se jippermetti konċentrazzjoni fuq l-implimentazzjoni tal-programmi tal-2014-2020 mingħajr dewmien.

- **Kuntest ġenerali u dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tal-proposta**

L-Artikolu 77 tar-Regolament Ġenerali jipprevedi li l-ħlasijiet interim u l-bilanċ finali jiġu kkalkulati bir-rata ta' kofinanzjament għal kull assi prijoritarju kif stipulat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm operazzjonali kkonċernat. Huwa jipprevedi wkoll l-applikazzjoni ta' rata miżjuda ta' kofinanzjament għall-pajjiżi tal-programm. Fil-preżent din id-dispożizzjoni tapplika sal-31 ta' Diċembru 2013.

L-Artikolu 93 tar-Regolament Ġenerali jipprevedi li l-Kummissjoni awtomatikament tiddiżimpenja l-ammonti li għalihom applikazzjoni għall-ħlas ma ġietx sottomessa qabel it-tmiem tat-tieni sena (it-tielet sena għall-pajjiżi li l-PDG tagħhom mill-2001-2003 kien inqas minn 85% tal-medja tal-UE għal impenji li saru fil-programmi bejn l-2008 u l-2010) bi trattament speċjali tal-impenji tal-2007.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti ma' proposti u inizjattivi oħra adottati mill-Kummissjoni Ewropea b'rispons għall-kriżi finanzjarja.

2. **KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U ANALIŻI TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Ma kienx hemm konsultazzjoni ma' partijiet interessati esterni

- **Akkwist u użu ta' għarfien espert**

L-użu ta' għarfien espert estern ma kienx meħtieġ.

- **Analiżi tal-impatt**

Il-proposta tippermetti lill-Kummissjoni biex tagħmel rifornimenti tal-ħlasijiet lill-pajjiżi tal-programm sa tmiem il-perjodu 2007-2013. Iż-żieda tkun ammont ikkalkulat bl-applikazzjoni ta' riforniment ta' għaxar punti perċentwali għar-rati tal-kofinanzjament applikabbli għall-assi prijoritarji tal-programmi għall-infiq iċċertifikat mill-ġdid, sottomessi tul il-perjodu kkonċernat sakemm jintlaħaq il-limitu massimu għall-ħlasijiet.

Fl-istess ħin, se tippermetti lir-Rumanija u lis-Slovakkja biex jissottomettu pretensjonijiet għan-nefqa sa tmiem l-2014, pjuttost milli sa tmiem l-2013, għall-impenn tal-2011 u sal-għeluq, aktar milli sa tmiem l-2014, għall-impenn tal-2012. Dan se jnaqqas ir-riskju tad-diżimpenn awtomatiku tal-impjenji tal-2011 u l-2012.

L-allokkazzjoni finanzjarja totali għall-perjodu mill-Fondi għall-pajjiżi u l-programmi kkonċernati, mhix se tinbidel.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-miżuri proposti**

Huwa propost tibdil fl-Artikolu 77 tar-Regolament Ġenerali sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tkompli sa tmiem il-perjodu 2007-2013, tirrimborsa l-infiq ġdid iddikjarat b'ammont miżjud ikkalkulat billi jiġi applikat riforniment ta' 10 punti perċentwali fuq ir-rati ta' kofinanzjament applikabbli għall-assi prijoritarju.

Meta jiġi applikat ir-riforniment, ir-rata ta' kofinanzjament tal-programm ma tistax tissupera b'aktar minn 10 punti perċentwali l-limiti massimi tal-Anness III tar-Regolament Ġenerali. Minbarra dan, il-kontribuzzjoni mill-fondi għall-assi prijoritarju kkonċernat, ma tistax taqbeż l-ammont imsemmi fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali.

Huwa wkoll propost li jiġi mmodifikat l-Artikolu 93 tar-Regolament Ġenerali li jippermetti estensjoni ta' sena tal-pjan tal-perjodu tad-diżimpenn awtomatiku għall-impjenji tal-2011 u l-2012 għar-Rumanija u s-Slovakkja.

- **Bażi legali**

Ir-Regolament Ġenerali jiddefinixxi r-regoli komuni applikabbli għat-tliet Fondi. Ibbażat fuq il-prinċipju tal-ġestjoni konġunta bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet għall-proċess ta' programmar kif ukoll arranġamenti għall-ġestjoni tal-programmi (inkluża dik finanzjarja), il-monitoraġġ, il-kontroll finanzjarju u l-evalwazzjoni tal-proġetti.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà sal-punt li tfitte li tipprovdi aktar għajjnuna permezz tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni lil ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw diffikultajiet serji, b'mod speċjali fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku u l-istabilità finanzjarja, u b'defiċit u qagħda ta' dejn li qed imorru għall-aġar, b'riżultat ukoll tal-ambjent ekonomiku u finanzjarju internazzjonali. F'dan il-kuntest, huwa neċessarju li jiġi stabbilit fuq il-livell tal-Unjoni mekkaniżmu temporanju li jippermetti lill-Kummissjoni biex iżżid ir-rimbors abbażi tal-infiq iċċertifikat skont il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni.

Il-proposta tikkonforma wkoll mal-prinċipju tas-sussidjarjetà billi tippermetti iktar żmien għal ċerti Stati Membri sabiex jonfqu l-impenji tagħhom tal-2011 u tal-2012. Din ir-regola diġà ġiet stabbilita fil-livell tal-Unjoni.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità:

L-estensjoni tal-applikazzjoni tar-rati miżjuda ta' kofinanzjament hija proporzjonali fir-rigward tal-kriżi ekonomika sostnuta u sforzi oħra meħuda biex jiġu meġġuna dawn l-Istati Membri.

L-estensjoni tal-iskadenza għad-diżimpenn awtomatiku hija wkoll proporzjonali fis-sens li hija ffukata fuq daww l-Istati Membri li se jkollhom l-allokkazzjonijiet finanzjarji tagħhom matul il-perjodu 2014-2020 limitati mill-ftehim tal-Kunsill Ewropew, sabiex jiġi limitat ir-riskju li jtilfu allokkazzjonijiet ulterjuri mill-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013 minħabba diżimpenji awtomatiċi.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: emenda għar-regolament kurrenti.

Il-Kummissjoni eżaminat il-marġini kollha ta' manuvra pprovduti mill-qafas legali u tikkunsidra neċessarju, fid-dawl tal-esperjenza sa issa, li tipproponi emendi għar-Regolament Ġenerali.

4. IMPATT BAĠITARJU

Ma hemm ebda impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' impenn billi mhu qed issir ebda proposta ta' modifika għall-ammonti massimi tal-iffinanzjar tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni kif stipulat fil-programmi operazzjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Għall-appropriazzjonijiet ta' pagament, il-proposta dwar ir-riforniment hija newtrali għall-baġit. Madankollu, din tista' tirriżulta f'rimbors oġġla lill-Istati Membri kkonċernati fl-2014, iżda se tiġi bilanċjata fl-għeluq fl-2017. L-appropriazzjonijiet ta' pagament addizzjonali għal din il-proposta se jimplikaw żieda fl-appropriazzjonijiet ta' pagament (għall-2014 bejn wieħed ieħor EUR 484 miljun) li se jkun kumpensati sal-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni. Għaldaqstant, it-total ta' appropriazzjonijiet ta' pagament għall-perjodu kollu ta' pprogrammar mhux se jinbidel.

L-impatt baġitarju tal-proposta biex jiġi estiż id-diżimpenn awtomatiku b'sena għar-Rumanija u s-Slovakkja ma jbidilx l-ammont totali tal-appropriazzjonijiet ta'

impenn. Madankollu, jista' jkollu impatt pożittiv nett fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament totali fi snin futuri b'rabta mar-riskju mnaqqas tad-diżimpenn.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-ġestjoni finanzjarja, għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew li huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom u r-regoli tad-diżimpenn għal ċerti Stati Membri

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li bagħtu l-abbozz tal-att leġislativ lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislativa ordinarja.

Billi:

- (1) Il-kriżi globali finanzjarja u r-reċessjoni ekonomika mingħajr preċedent għamlu ħsara serja lit-tkabbir ekonomiku u lill-istabilità finanzjarja, u ħolqu deterjorament qawwi fil-kundizzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi ta' diversi Stati Membri. B' mod partikolari, ċerti Stati Membri qed jesperjenzaw diffikultajiet serji jew huma mhedda b'diffikultajiet bħal dawn, notevolment bi problemi fit-tkabbir ekonomiku u l-istabilità finanzjarja tagħhom, u b'deterjorament fil-pożizzjoni tad-defiċit u d-dejn tagħhom, b'riżultat ukoll tal-ambjent ekonomiku u finanzjarju internazzjonali.
- (2) Filwaqt li diġà ttejdu azzjonijiet biex jilqgħu kontra l-effetti negattivi tal-kriżi, inklużi emendi fil-qafas leġislativ, l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq l-ekonomija reali, fuq is-suq tax-xogħol u ċ-ċittadini qed jinħass ma' kullimkien. Il-pressjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali qed tiżdied u għandhom jittieħdu aktar miżuri biex tittaffa din il-pressjoni permezz tal-aktar użu adegwat tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni. Minħabba d-diffikultajiet finanzjarji persistenti, huwa neċessarju li tiġi estiża l-applikazzjoni tal-miżuri adottati billi jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 1311/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Dawn il-miżuri ġew adottati skont l-Artikoli 122(2), 136 u 143 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (3) Sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni, biex tingħata għajna għall-aċċellerazzjoni tal-investimenti fl-Istati Membri u r-reġjuni u biex titjieb id-

² G U L , , p . .

³ G U L , , p . .

⁴ G U L 337, 20.12.2011, p. 5.

disponibbiltà tal-finanzjament għall-ekonomija, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999⁵ ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 1311/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jippermetti ż-żieda ta' pagamenti interim mill-Fondi Strutturali kif ukoll mill-Fond ta' Koeżjoni b'ammont li jikkorrispondi għal għaxar punti perċentwali aktar mir-rata ta' kofinanzjament reali għal kull assi ta' prijorità għall-Istati Membri li qed jiffaċċjaw diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom u għamlu talba biex jibbenefikaw minn din il-miżura.

- (4) L-Artikolu 77(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jippermetti l-applikazzjoni ta' rata miżjuda ta' kofinanzjament sal-31 ta' Diċembru 2013. Madankollu, peress li l-Istati Membri għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom, it-tul tal-applikazzjoni ta' rata miżjuda ta' kofinanzjament ma għandux ikun limitat sat-tmiem tal-31 ta' Diċembru 2013.
- (5) [ir-Regolament (UE) Nru ... (CPR) tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew] [*ir-Regolament tad-Dispożizzjonijiet Komuni futur*] għandu l-għan li jikkontribwixxi biex tinkiseb konċentrazzjoni adegwata tal-fondi ta' koeżjoni fir-reġjuni u l-Istati Membri l-inqas żviluppati. Sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet fil-medja tal-intensitajiet tal-għajjuna per capita, il-livell massimu tat-trasferiment (capping) mill-Fondi għal kull Stat Membru individwali skont ir-Regolamenti futuri huwa previst li jkun iffissat għal 2,35 % tal-PDG tal-Istat Membru. Il-capping se jkun applikat fuq bażi annwali, u - jekk applikabbli - jnaqqas proporzjonalment it-trasferimenti kollha (minbarra għar-reġjuni l-aktar żviluppati u "l-Kooperazzjoni territorjali Ewropea") lill-Istat Membru kkonċernat sabiex jinkiseb il-livell massimu ta' trasferimenti. Għall-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni qabel l-2013 u li t-tkabbir reali medju tal-PDG tagħhom fl-2008-2010 kien aktar baxx minn -1 %, il-livell massimu ta' trasferiment ser ikun ta' 2,59 %.
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru .../...[ir-Regolament tad-Dispożizzjonijiet Komuni] jillimita l-allokazzjonijiet għal kull Stat Membru għal 110 % tal-livell tagħhom f'termini reali għall-perjodu 2007-2013. L-Istati Membri affettwati minn dan il-limitu massimu jeħtieġ li jkomplu jiġu protetti mir-riskju ta' diżimpenn awtomatiku tal-allokazzjonijiet fil-perjodu 2007-2013.
- (7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Frar 2013, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tesplora soluzzjonijiet prattiċi biex jitnaqqas ir-riskju ta' diżimpenn awtomatiku tal-Fondi mill-pakkett nazzjonali tal-2007-2013 għar-Rumanija u s-Slovakkja, inkluża l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.
- (8) Il-Kunsill Ewropew enfażizza wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat livell u profil maniġġabbli għall-ħlasijiet fl-intestaturi kollha sabiex jiġu llimitati l-impenji baġitarji pendenti, partikolarment billi jiġu applikati regoli għal diżimpenn awtomatiċi f'kull intestatura. Għalhekk, dispożizzjonijiet li jirrilaxxaw ir-regoli ta' diżimpenn għall-Istati Membri affettwati mil-limitu stabbilit fir-Regolament (UE) Nru .../... [*ir-Regolament tad-Dispożizzjonijiet Komuni*] għandhom ikunu bbilanċjati fid-dawl tal-effetti tagħhom fuq l-impenji baġitarji pendenti.
- (9) L-iskadenza għall-kalkolu tad-diżimpenn awtomatiku tal-impenji tal-baġit annwali għas-snin 2011 u 2012 għandha tiġi estiża b'sena, iżda l-impenn tal-baġit tal-2012 li se

⁵ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

jkun għadu miftuħ sal-31 ta' Diċembru 2015 għandu jiġi ġġustifikat sal-31 ta' Diċembru 2015. Dan għandu jgħin sabiex jitjieb l-assorbiment tal-fondi impenjati għal programmi operattivi fl-Istati Membri li huma affettwati minn limiti fuq l-allokazzjonijiet futuri tal-politika ta' koeżjoni tagħhom għal 110% tal-livell tagħhom f'termini reali għall-perjodu 2007-2013. Din il-flessibilità hija meħtieġa sabiex jiġi indirizzat ritmu anqas mgħaġġel milli kien mistenni tal-implimentazzjoni tal-programmi li qed jaffettwa b'mod partikolari lil dawk l-Istati Membri.

(10) Minħabba l-kriżi bla preċedent, hija meħtieġa l-adozzjoni rapida ta' miżuri ta' appoġġ u għalhekk huwa xieraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(11) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1083/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 77, jitħassar il-paragrafu 6.

(2) L-Artikolu 93 huwa emendat kif ġej:

(a) Jiddaħħal il-paragrafu 2b li ġej:

"2b. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u mill-paragrafu 2, għall-Istati Membri li l-allokazzjonijiet tal-politika ta' koeżjoni tagħhom fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 huma limitati għal 110% tal-livell tagħhom f'termini reali għall-perjodu 2007-2013, l-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1 hija l-31 ta' Diċembru tat-tielet sena wara s-sena tal-impenn tal-baġit annwali mill-2007 sal-2012 skont il-programmi operazzjonali tagħhom. ."

(b) Fil-paragrafu 3, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"L-ewwel subparagrafu huwa bla preġudizzju għall-applikazzjoni tal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 93(2)(b) tal-impenn tal-baġit tal-2012 għall-Istat Membru msemmi f'dak il-paragrafu."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-ġestjoni finanzjarja, għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom mar-regoli tad-diżimpenn għal ċerti Stati Membri.

2. QAFAS ABM / ABB

Il-Qasam/l-Oqsma tal-Politika kkonċernat/i u l-Attività/Attivitajiet assoċjati:

Politika Reġjonali; Attività ABB 13.03

Impjiegi u Affarijiet Soċjali; Attività ABB 04.02

Il-Fond ta' Koeżjoni, ABB 13.04

3. LINJI BAĠITARJI

3.1. Il-linji baġitarji (linji operazzjonali u linji relatati tal-ghajjnuna teknika u amministrattiva (li qabel kienu l-linji B.A)):

L-azzjoni l-ġdida proposta ser tkun implimentata fuq il-linji baġitarji li ġejjin:

- 13.031600 Konverġenza (FEŻR)
- 13.031800 Kompetittività reġjonali u impjiegi (FEŻR)
- 04.0217 Konverġenza (FSE)
- 04.0219 Kompetittività reġjonali u impjiegi (FSE)
- 13.04.02 Fond ta' Koeżjoni

3.2. It-tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

L-ebda waħda mill-bidliet proposti ma hi se jkollha impatt finanzjarju. Fil-fatt, il-ħtieġa akbar fl-2014 biex tkopri talbiet għall-ħlasijiet għal Stati Membri taħt l-ghajjnuna finanzjarja, se tiġi kkompensata fl-għeluq tal-programmi fis-sena 2017. Il-mekkaniżmu jippermetti xi antiċipazzjoni ta' ħlasijiet meta mqabbel ma' sitwazzjoni mingħajr "riforniment". Fir-rigward tal-estensjoni tar-regola tad-diżimpenn awtomatiku, jista' jkollu impatt pożittiv nett fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament totali fis-snin futuri marbuta mar-riskju mnaqqas tad-diżimpenn.

3.3. Karatteristiċi baġitarji:

Linja baġitarja	Tip ta' nefqa		Ġdid	Kontribuzzjoni mill-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja
13,031600	Mhux obligatorja	Differenzjata	LE	LE	LE	Nru 1b
13,031800	Mhux obligatorja	Differenzjata	LE	LE	LE	Nru 1b
04,0217	Mhux obligatorja	Differenzjata	LE	LE	LE	Nru 1b
13,0402	Mhux obligatorja	Differenzjata	LE	LE	LE	Nru 1b
04,0219	Mhux obligatorja	Differenzjata	LE	LE	LE	Nru 1b

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi finanzjarji

4.1.1 *Is-sommarju tal-appropriazzjonijiet ta' impenn (AI) u l-appropriazzjonijiet ta' pagament (AP)*

It-tabelli li ġejjin juru stima tal-impatt tal-miżuri proposti fl-2014 sal-2017. Ġaladarba ma huma proposti l-ebda riżorsi finanzjarji ġodda għall-appropriazzjonijiet ta' impenn, l-ebda ċifra ma hija mdaħħla fit-tabelli imma hija inkluża nota m.a. (mhux applikabbli). Il-proposta hija għaldaqstant konformi mal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2007-2013.

Għall-pagamenti, il-proposta biex jiġi estiż il-mekkaniżmu ta' tiġdid tista' tirriżulta f'rimbors oġġla lill-Istati Membri konċernati, li se jiġi kkompensat fl-għeluq. Abbażi tal-aħħar tbassir disponibbli tal-pagamenti mill-Istati Membri, pagamenti ta' rifornimenti mħallsa lill-Istati Membri kkonċernati fl-2012, u l-appropriazzjonijiet ta' pagament inklużi fil-Baġit tal-2013, il-bżonnijiet baġitarji se jkunu bejn wieħed u ieħor EUR 484 miljun għall-2014. Dan l-ammont se jitreġġa' lura fl-għeluq fl-2017.

L-impatt baġitarju tal-proposta sabiex jiġi estiż id-diżimpenn awtomatiku għall-impenji tal-2011 u l-2012 b'sena għar-Rumanija u s-Slovakkja ma jbidilx l-ammont totali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn. Madankollu, jista' jkollu impatt nett pożittiv

fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament totali fi snin futuri marbuta ma' riskju mnaqqas ta' diżimpenn.

Il-Kummissjoni eżaminat il-ħtieġa ta' krediti ta' pagament addizzjonali u għalhekk tipproponi hawnhekk l-azzjonijiet neċessarji lill-Awtorità tal-Baġit.

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Tip ta' nfiq	Nru tat-Taqsi ma		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
--------------	------------------	--	--------	-------	-------	-------	-------	--------------	-------

Nefqa operattiva⁶

Approprjazzjonijiet ta' Impenn (AI)	8,1	a	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Approprjazzjonijiet ta' Pagament (AP)		b	m.a.	+0,484	m.a.	m.a.	-0,484	m.a.;	0.

Nefqa amministrattiva fl-ammont ta' referenza⁷

Għajnuna teknika u amministrattiva (AMD)	8.2.4	c	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
--	-------	---	------	------	------	------	------	------	------

AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

Approprjazzjonijiet ta' Impenn		a+c	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Approprjazzjonijiet ta' Pagament		b+c	m.a.	+0,484	m.a.	m.a.	-0,484	m.a.	0,000

Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza⁸

Riżorsi umani u spejjeż relatati (AMD)	8.2.5	d	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Spejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6	e	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

It-total indikattiv tal-ispiża finanzjarja għall-intervent

AI TOTALI inkluż il-kost tar-Riżorsi Umani		a+c +d +e	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
AP TOTALI inkluż il-kost tar-Riżorsi Umani		b+c +d +e	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

⁶ Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

⁷ In-nefqa fl-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

⁸ In-nefqa fl-Kapitolu xx 01 għajr għall-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Dettalji tal-kofinanzjament

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Korp tal-kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
.....	f	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
TOTAL tal-AI inkluż il-kofinanzjament	a+c +d+ e+f	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

4.1.2 Kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju

- Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.
- Il-proposta ser tkun teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- Jista' jkun li l-proposta tkun tirrikjedi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali⁹ (jiġifieri l-istrument ta' flessibilità jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3 L-Impatt finanzjarju fuq l-Introjt

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq l-introjt.
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju - l-effett fuq l-introjt huwa dan li ġej:

Miljuni ta' EUR (sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja	Introjt	Qabe l l-azzjoni [Sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
			[Sen a n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] 10
	a) Introjt f'termini assoluti		m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
	b) Bidla fl-introjt	Δ	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

(Jekk jogħġbok iddeskrivi kull linja tal-baġit ta' dħul ikkonċernata, billi żżid l-għadd xieraq ta' ringieli fit-tabella jekk hemm effett fuq aktar minn linja baġitarja waħda.)

⁹ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

¹⁰ Kolonni addizzjonali għandhom jiġu miżjuda jekk meħtieġ, jiġifieri, jekk it-tul tal-azzjoni jeċċedi s-6 snin.

4.2. Ir-Riżorsi Umani tal-FTE (inklużi l-uffiċjali, u l-persunal temporanju u estern) – ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali	Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara
Għadd totali ta' riżorsi umani	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

5.1. Il-ħtieġa li trid tintlaħaq fil-futur qasir jew twil

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika sostnuta qed iżżid il-pessjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali hekk kif l-Istati Membri qed inaqqsu l-baġits tagħhom. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni bla tfixkil ta' programmi tal-politika ta' koeżjoni hija ta' importanza partikolari bħala għodda li tinjetta fondi fl-ekonomija. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-Istati Membri jkomplu bl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Fond Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni li għaddejjin, u jagħtu fondi għall-proġetti, il-proposta fiha dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni iżżid il-pagamenti lill-Istati Membri għall-perjodu li huma qegħdin taħt il-mekkaniżmi ta' għajjnuna. Dan se jippermetti wkoll lil ċerti Stati Membri aktar żmien biex jagħmlu użu sħiħ mill-impenji tal-2011 u tal-2012.

5.2. Valur miżjud tal-involvement tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli

Il-proposta se tippermetti li titkompla l-implimentazzjoni tal-programmi, li jiġu injettati flus fl-ekonomija filwaqt li tgħin biex fl-istess ħin jitnaqqas il-piż fuq l-infiq pubbliku.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati mal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM

L-għan huwa li tingħata għajjnuna lil dawk l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-kriżi finanzjarja sabiex ikunu jistgħu jkomplu bl-implimentazzjoni tal-programmi li għandhom għaddejjin u għaldaqstant jinjettaw fondi fl-ekonomija.

5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

Uri hawn taħt il-metodu(i) magħżul(a) għall-implimentazzjoni tal-azzjoni.

- Mal-Istati Membri

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' monitoraġġ

Mhux neċessarja, għax taqa' taħt il-monitoraġġ stabbilit tal-Fondi Strutturali.

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1 L-evalwazzjoni ex ante

Din il-proposta ġiet imhejjja fuq it-talba tal-Kabinett tal-President tal-Kummissjoni wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Frar 2013.

6.2.2 Il-miżuri meħudin wara evalwazzjoni intermedjarja/ex post (tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)

M/A

6.2.3 Termini u frekwenza tal-evalwazzjoni fil-ġejjieni

M/A

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

M.A.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispiża tagghom

Approprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet (3) punti deċimali)

(Għandhom jtniżżlu l-Intestaturi tal-Għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	Spiża medja	Sena n		Sena n+1		Sena n+2		Sena n+3		Sena n+4		Sena n+5 u wara		AMMONT TOTALI	
			Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali
GĦAN OPERATTI V Nru 1 Tiġi sostnuta l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi																
				0,000		0,000										0,000
SPIŻA TOTALI				0,000		0,000										0,000

8.2. Nefqa Amministrattiva

8.2.1 L-għadd u t-tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' postijiet		Persunal allokat għall-amministrazzjoni tal-azzjoni bl-użu tar-riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (għadd ta' postijiet/FTEs)					
		Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
Uffiċjali jew persunal temporanju (XX 01 01)	A*/AD	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
	B*, C*/AST	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Persunal iffinanzjat bl-Art XX 01 02		m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Persunal ieħor iffinanzjat permezz tal-Art. XX 01 04/05		m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
AMMONT TOTALI		m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

8.2.2 Deskrizzjoni tal-kompiti li ġejjin mill-azzjoni

M/A

8.2.3 Is-sorsi tar-rizorsi umani (statutorji)

(Fejn ikun iddikjarat aktar minn sors wieħed, indika l-għadd ta' postijiet li joriġinaw minn kull sors).

- Postijiet li bħalissa huma allokat għall-ġestjoni tal-programm li jridu jinbidlu jew jittawlu
- Postijiet allokat minn qabel fl-eżerċizzju SPA/APB għas-sena n
- Postijiet li jridu jintalbu fil-proċedura SPA/APB li jmiss
- Postijiet li jridu jerġgħu jiġu assenjati bl-użu ta' riżorsi eżistenti fl-ambitu tas-servizz ta' ġestjoni (riallokazzjoni interna)
- Postijiet meħtieġa għas-sena n, għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju tal-SPA/APB tas-sena kkonċernata

8.2.4 *Infiq Amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Infiq fuq il-ġestjoni amministrattiva)*

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja (numru u intestatura)	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	AMMONT TOTALI
1 Assistenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati tal-persunal)							
Aġenziji eżekuttivi	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Assistenza teknika u amministrattiva oħra	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
- intra muros	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
- extra muros	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Assistenza teknika u amministrattiva totali	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

8.2.5 *L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01)	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Persunal iffinanzjat bl-Artikolu XX 01 02 (awżiljarji, END, persunal bil-kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja ta' baġit)	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
L-ispiża totali tar-Riżorsi Umani u l-ispejjeż relatati (MHUX fl-ammont ta' referenza)	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

Kalkolu – Uffiċjali u Aġenti Temporanji

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1 jekk applikabbli

m.a.

Kalkolu – Persunal ifffinanzjat skont l-Artikolu XX 01 02

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1 jekk applikabbli

m.a.

8.2.6 Spejjeż amministrattivi oħrajn mhux inklużi fl-ammont ta' referenza

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	AMMO NT TOTAL I
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
XX 01 02 11 03 – Kunitati	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
XX 01 02 11 04 – Studji u Konsultazzjonijiet	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' Informazzjoni	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
2 Total ta' Nfiq Ieħor ta' Ġestjoni (XX 01 02 11)	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika billi tindika l-linja tal-baġit)	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Spiża totali għall-Amministrazzjoni, għajr ir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inkluża fl-ammont ta' referenza)	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

Kalkolu – Infiq ieħor amministrattivi li mhux inkluż fl-ammont ta' referenza

m.a.